# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru 2001**

**Numru**

**Rikors Nru. 1/97 DS**

Konkors ta' Kredituri wara l-atti tac-cedola ta' depozitu nurmu 1017/96 fl-ismijiet:

Dr. Joseph Schembri bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Marine Agencies Ltd.
vs
M.T. DALIA registrat fil-port Belize li ghandu n-numru ufficjali 11942091

Illum, 14 ta' Dicembru 2001

Il-Qorti,

Jirrizulta li wara l-bejgh tal-vapur M.T. DALIA, ir-rikavat gie ta' Lm57,000 gie depozitat il-Qorti permezz ta' cedola numru 1017/96. Billi l-ammont ta' krediti jissupera dan l-ammont, kellhom jinbdew dawn il-proceduri.

Fil-5 ta' Frar 1998 gie nominat Dr. Kris Borg bhala espert in materja u huwa halef ir-rapport tieghu fid-19 ta' Jannar 2001.

Mir-rapport tieghu u mill-atti tal-process jirrizulta li l-kredituri li qeghdin jikkonkorru huma s-segwenti:

1. Dr. Rachel Bonello ghal Cantieri Noe S.r.l. ghandha claim ta' Lm90,818.25, komposta kif gej: Lm67,962 (Lit 286,646,750 bir-rata ta' 4209 fis-26 ta' Gunju 1996 sorti, Lm1109.25 spejjez legali u Lm21,747 imghaxijiet legali mis-26 ta' Gunju 1996. Dan l-ammont jirrapresenta prezz ta' servizzi, u xogholijiet u riparazzjonijiet imwettqa fuq il-bastiment, skond sentenza moghtija fis-26 ta' Gunju 1996 fl-ismijiet l-Avukat Rachel Bonello bhala mandatarja specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Cantiere Noe S.r.l. skond prokura annessa u mmarkata Dok. "A" vs M.T. Dalia (Cit. Nru 2166/96 GV), esibita a fol 48 tal-process.

2. Dr. Carmelo Chircop qed jidher ghan-nom ta' Malta Maritime Authority ghandu claim ta' Lm10,321.33, komposta kif gej: Lm8,208 sorti, Lm636.33 spejjez legali, Lm1,477 imghaxijiet mill-ahhar ta' Marzu 1998. Illi dan l-ammont jirrapresenta d-drittijiet tar-Registru tal-Bastimenti Merkantili u tal-Ufficju tal-Portijiet rigward l-istess bastiment. Illi dal-kreditu jirrizulta minn sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Dr. Carmelo Chircop bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tal-Awtorita' Marittima ta' Malta vs MV Dalia (Cit. Nru. 2729/96 AJM) deciza fis-26 ta' Settembru 1996, esibita bhala Dok. KB8.

3. Dr. Ann Fenech qed tidher ghan-nom tas-socjeta' ALPEX GES M.B.H. Shipmanagement li gie surrogata fid-drittijiet tal-bahrin (vide kopja tas-sentenza u tas-surrogi rispettivi hawn annessa bhala Dok. "KB1 – KB7) u ghandha claim ta' USD20,487 (li bir-rata tal-kambju ta' 2.4255 applikata mill-istess Qorti tammonta ghal Lm8,345) li minn dan l-ammont is-somma ta' USD18,974 ekwivalenti ghal Lm7,728.71 tirrapresenta l-pagi tal-ekwipagg ghall-perjodu 1/5/96 sal-31/5/96 kif jirrizulta mill-annessi subrogation forms, USD 1,513 ekwivalenti ghal Lm616.29 tirrapresenta biljetti tal-ajru u cioe' "repatriation expenses". L-istess Dr. Fenech ghandha spejjez legali ntaxxati ammontanti ghal Lm1068.32 u imghaxijiet ammontanti ghal Lm2262.96 (minn Ottubru 1996) fuq l-ammont ta' Lm7,728.71 u ta' Lm180.44 fuq l-ammont ta' Lm616.29.

Dawn l-ammonti jirrizultaw mis-sentenza deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Lulju 1999, fl-ismijiet Dr. Ann Fenech ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera ALPEX GES. MBH vs Dr Francesco Depasquale b'digriet tal-1 ta' Gunju 1999 gie mahtur kuratur deputat sabiex jirrapresenta il-bastiment MV Dalia (Citazz. Nru 1045/99).

Ghaldaqstant ghal skopijiet ta' dal-konkors, minhabba zewg naturi differenti fil-kreditu tas-socjeta' Alpex GES G.M.B.H. qieghed jigi konstatat illi dis-socjeta' ghandha zewg krediti:

(i) Kreditu ta' Lm11059.99 rappresentanti s-salarju tal-bahrin;
(ii) Kreditu ta' Lm796.73 rappresentanti "repatriation expenses".

4. Dr. Joe Schembri qed jidher ghas-socjeta' Terramarine Agencies (PVT) Limited, u ghandu claim ta' Lm6,465.26 rappresentanti Lm4,637.15 sorti, Lm344.23 spejjez legali u Lm1483.88 imghaxijiet minn 26/5/96. Dan l-ammont jirrapresenta provisjonijiet u spejjez maghmula ghall-bastiment. Dan jirrizulta mis-sentenzi moghtija minn din l-istess Qorti fl-20 ta' Mejju 1996 fl-ismijiet Dr. Joseph A. Schembri LL.D. nomine vs MT Dalia (Citazz. Nru 1611/96 GV) hawn annessa bhala Dok. KB9.

5. Dr. George Abela qed jidher ghan-nom ta' 6 membri tal-ekwipagg u ghandu claim ammontanti ghal Lm31,167.67 komposta minn sitt sentenzi li huma esebiti a fol 2 sa 36 tal-process. Dawn il-claims huma lkoll ghal salarji u repatriation expenses tal-bahrin. Is-salarji gie sottomess u mhux kontrastat illi jirrisalu ghall-perjodu li jinkwadra ruhu fid-definizzjoni tal-artikolu 50 (h) tal-Kap. 234. L-krediti huma s-segwenti:

- Muhamed Tauni Lm6501.09 (Lm4674 sorte, Lm331.41 spejjez u Lm1495.68 imghaxijiet minn Mejju 1996) li minnhom Lm318.55 jirrapresentaw "repatriation expenses" u Lm6182.54 salarji.
- Adamik Slobodan Lm933.40 (Lm639.68 sorte, Lm88.75 spejjez u Lm204.97 imghaxijiet minn Mejju 1996) li minnhom Lm244.55 huma repatriation expenses u Lm688.85 huma salarji.
- Fazal Ahmed Lm1664.01 (Lm1165.10 sorte, Lm126.08 spejjez u Lm372.83 imghaxijiet minn Mejju 1996) li minnhom Lm331.13 huma repatriation expenses u Lm1332.88 huma salarji.
- Muhamed Hanifa Lm5212.85 (Lm3731.86 sorte, Lm286.08 spejjez u Lm1194.19 imghaxijiet minn Mejju 1996) li minnhom Lm323.19 jirrapresentaw "repatriation expenses" u Lm4889.66 salarji.
- Syed Anwer Zaheer Lm15192.77 (Lm10569 sorte, Lm1241.16 spejjez u Lm3382.08 imghaxijiet minn Mejju 1996) li minnhom Lm303.85 huma repatriation expenses u Lm14888.92 huma salarji.
- Akbar Hussein Lm1,663.55 (Lm1165.51 sorte, Lm125.08 spejjez u Lm372.96 imghaxijiet minn Mejju 1996) li minnhom Lm331.03 huma repatriation expenses u Lm1332.52 huma salarji.

6. Dr Philip Manduca qed jidher ghan-nom ta' Continental Marine Services SRL u ghandu claim ta' Lm 15,297.59 ammontanti ghal Lm11,114.78

sorti Lm848.58 spejjez legali u Lm3334.43 imghaxijiet minn Settembru 1996. Dan l-ammont jirrapresenta provvisti ghall-bastiment. Dana jirrizulta minn sentenza ta' din l-istess Qorti tas-26 ta' Settembru 1996, fl-ismijiet l-Avukat Dr Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Continental marine Services SRL vs MV Dalia (Citazz. Nru 2762/96 AJM) esibita a fol. 54 tal-process. Minn esami ta' dan il-kreditu jirrizulta illi dan l-ammont globali ta' Lm15297.59 jista' jinqasam fi tlieta minhabba n-natura diversa tal-affarijiet li jirrapresenta, vide Dok. KB 10 hawn anness , ghalhekk:

(i) Is-somma ta' Lm9943.43 u cioe' 65 fil-mija tal-ammont jirrapresenta ikel fornut lill-bastiment bejn Ottubru 1995 u Mejju 1996;
(ii) Is-somma ta' Lm4589.27 u cioe' 30 fil-mija tal-ammont tirrapresenta fornitura ta' zjut fi Frar u Lulju tal-1996; u
(iii) Is-somma ta' Lm764.89 u cioe' 5 fil-mija tal-ammont tirrapresenta fornitura ta' materjal bejn Jannar u Mejju tal-1996.

Fir-relazzjoni msemmija l-perit legali strah fuq l-artikolu 50 ta' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap 234) li jelenka l-krediti li "jigu garantiti permezz ta' privilegg specjali fuq il-bastiment …." Fil-fatt jipproponi li l-krudituri ghandhom jikkonkorru f'din l-ordini:

1. Fl-ewwel lok kellhom jikkonkorru l-ispejjez gudizzjarji sabiex isir il-bejgh tal-bastiment u l-qsim tal-prezz li jgib. Filwaqt li l-ispejjez tal-qsim tal-bejgh ghadhom f'dan l-istadju mhux komputati, essendo anki dar-rapport parti minnhom, zgur illi gew inkorsi spejjez gudizzjarji sabiex sar il-bejgh tal-bastiment. Fl-istadju tal-gbir tal-provi li saru ma tressqet l-ebda taxxa ghall-konsiderazzjoni tas-sottoskritt rappresentanti tal-ispejjez, u ghalhekk f'dan l-istadju tali kreditu ghadu ma jistax jigi akkluz ai termini tal-artikolu 50 (a) tal-Kap. 234.
2. Fit-tieni lok ai termin tal-artikolu 50 (b) tal-Kap 234 ghandhom jigu d-drittijiet u spejjez dovuti that l-istess Kap. 234 lir-Registratur tal-Bastimenti u l-Bahrin, u cioe' s-somma ta' Lm10,321.33 drittijiet dovuti lil Dr Carmel Chircop nomine.
3. Fit-tielet lok, ai termini tal-artikolu 50 (h) tal-Kap 234 ghandhom jigu: "is-salarji tal-Kaptan, u tal-ekwipagg impjegati ghal perjodu ta' tliet xhur qabel l-ahhar vjagg ghal tul l-ahhar vjagg u ghal perjodu ta' wara tidhol l-ahhar fil-port". Mill-krediti illi qed jikkonkorru jidher illi hemm krediti ta' din in-natura u dawn huma l-krediti tas-sitt bahrin rappresentati minn Dr George Abela kif ukoll parti mil-kreditu tas-socjeta' ALPEX GES M.B.H. dawn il-krediti jammontaw ghal:

(i) ALPEX GES M.B.H. Lm11059.99;
(ii) Muhamed Tauni Lm6182.54
(iii) Adamik Slobodan Lm688.85
(iv) Fazal Ahmed Lm1332.88
(v) Muhamed Hanifa Lm4889.66;
(vi) Syed Anwer Zaheer Lm14,888.92;
(vii) Akbar Hussein Lm1332.52;

L-ammont totali ta' dal-krediti kollha li jikkonkorru fit-tielet lok jammonta ghal Lm40, 375.27.

4. Fir-raba lok ghandhom jigu l-krediti tas-socjeta' rappresentata minn Dr Rachel Bonello u cioe' Cantieri Noe S.r.l. li ghandha claim ta' Lm90,818.25, u il-krediti tas-socjeta Terramarine Agencies (PVT) Limited kif rappresentati minn Dr Joseph Schembri nomine, ammontanti ghal Lm6465.26 li jinkwadraw ruhhom taht l-artikolu 50 (j) tal-Kap. 234. Dawn iz-zewg kredituri jikkonkorru fl-istess grad bejniethom.

5. F'dan l-istadju il-flus depositati gia' ma jabbastawx sabiex jigi sodisfatt il-krediti msemmija, ghalhekk ghal skopijiet merament akkademici qed jigi sottomess illi fil-hames lok ghandu jigi l-kreditu dovut lil Continental Marine Services SRL ammontanti ghal Lm15,297.59.

6. Fis-sitt lok imbaghad ghandhom jigu r-repatriation expenses fl-istess grad bejniethom tas-segwenti persuni:

(i) ALPEX GES M.B.H. Lm796.73;
(ii) Muhamed Tauni Lm318.55;
(iii) Adamik Slobodan Lm244.55;
(iv) Fazal Ahmed Lm331.13;
(v) Muhamed Hanifa Lm323.19;
(vi) Syed Anwer Zaheer Lm303.85;
(vii) Akbar Hussein Lm331.03

Il-Qorti tosserva li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni mill-partijiet ghal din il-gradwazzjoni. Inoltre hija tal-fehma li hija korretta u l-hlas tal-krediti ghandu jsir a bazi ta' din il-gradwazzjoni.

Tiddeciedi ghaldaqstant billi tordna li s-somma depozitata l-Qorti permezz tac-cedola msemmija numru 1017/96, wara li jitnaqqsu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, ghandha tigi zbankata favur il-kredituri skond l-ordini hawn fuq stabbilita.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**D/REGISTRATUR**